



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 194/24

Il-Lussemburgu, 19 ta' Novembru 2024

Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-808/21 | Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka u C-814/21 | Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Kandidatura u kwalità ta' membru ta' partit politiku)

### Ċittadinanza tal-Unjoni: ir-rifjut li-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkunu ċittadini tiegħu tad-dritt li jsiru membri ta' partit politiku jikser id-dritt tal-Unjoni

*Billi jimponu tali rekwiżit ta' nazzjonalità, ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja ma jiżgurawx ugwaljanza fit-trattament ma-ċittadini tagħhom għal dak li jirrigwarda l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej*

Id-dritt tal-Unjoni jagħti d-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej li-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu. L-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt jeżiġi li dawn i-ċittadini jibbenefikaw minn aċċess ugwali għall-mezzi li jkollhom i-ċittadini ta' dan l-Istat Membru sabiex jeżerċitaw dan l-istess dritt. Peress li l-appartenenza għal partit politiku tikkontribwixxi sostanzjalment għall-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-Repubblika Ċeka u l-Polonja kisru dan id-dritt billi ċaħdu li-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu f'dawn l-Istati Membri mingħajr ma jkunu ċittadini tagħhom id-dritt li jsiru membri ta' partit politiku. Is-sħubija tagħhom f'partit politiku ma hijiex ta' natura li tippreġudika l-identità nazzjonali tar-Repubblika Ċeka jew tal-Polonja.

Il-leġiżlazzjoni Ċeka u dik Pollakka jagħtu d-dritt li wieħed isir membru ta' partit politiku li-ċittadini nazzjonali biss. Konsegwentement, skont il-Kummissjoni Ewropea, i-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu f'dawn l-Istati Membri, mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tagħhom, ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tal-kandidatura tagħhom fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej, stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet bħa-ċittadini Ċeki u Pollakki.

Peress li qieset li tali rifjut kien jikkostitwixxi differenza fit-trattament ibbażata fuq in-nazzjonalità, ipprojbata mid-dritt tal-Unjoni <sup>1</sup>, il-Kummissjoni ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żewġ rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra, rispettivament, ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja <sup>2</sup>.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' dawn ir-rikorsi u tikkonstata n-nuqqas ta' dawn iż-żewġ Stati Membri li jwettqu l-obbligi tagħhom taħt it-Trattati.**

Hija tosserva li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet elettorali fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej, iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li i-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tagħhom ikollhom aċċess ugwali għall-mezzi li jkollhom i-ċittadini ta' dan l-Istat Membru sabiex jeżerċitaw dawn l-istess drittijiet b'mod effettiv.

Issa, il-partiti politiċi għandhom rwol ewlieni fis-sistema ta' demokrazija rappreżentattiva, li tikkonkretizza l-valur tad-demokrazija li fuqha hija bbażata l-Unjoni b'mod partikolari. Konsegwentement, **il-projbizzjoni ta' appartenenza lil partit politiku tqiegħed lil dawn i-ċittadini tal-Unjoni f'sitwazzjoni inqas vantaġġuża minn dik ta-ċittadini Ċeki u Pollakki fil-qasam tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej**. Fil-fatt, il-possibbiltà li dawn tal-

aħħar jiġu eletti hija b'mod partikolari f'favorita mill-fatt li huma jistgħu jkunu membri ta' partiti politiku li għandu strutturi organizzattivi kif ukoll riżorsi umani, amministrattivi u finanzjarji sabiex jappoġġjaw il-kandidatura tagħhom. Barra minn hekk, il-fatt li wieħed jappartjeni għal partiti politiku huwa wieħed mill-kriterji li jiġġwidaw l-għażla tal-votanti.

**Din id-differenza fit-trattament, ipprojbta mid-dritt tal-Unjoni, ma tistax tiġi ġġustifikata minn raġunijiet marbuta mal-osservanza tal-identità nazzjonali.** Fil-fatt, id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li l-Istati Membri jagħtu liċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati d-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet nazzjonali u lanqas ma jipprekludihom milli jillimitaw ir-rwol ta' dawn iċ-ċittadini f'partiti politiku fil-kuntest ta' dawn l-elezzjonijiet.

**NOTA:** Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-Sunt tas-sentenzi ([C-808/21](#), [C-814/21](#)) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

**Ibqgħu konnessi!**



<sup>1</sup> Jiġifieri l-Artikolu 22 TFUE, li jipprovdi li kull ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fi Stat Membru li tiegħu ma jkollux iċ-ċittadinanza għandu jkollu d-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet municiipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn huwa jirrisjedi, taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini ta' dan l-Istat.

<sup>2</sup> Ir-rikors kontra r-Repubblika Ċeka jkopri wkoll l-projbizzjoni li wieħed isir membru ta' moviment politiku imposta fuq ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu f'dan l-Istat Membru u li tiegħu ma jkollhomx in-nazzjonalità.